MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 1054/2012

Mira Motor Sales Limited

Vs

Melita Insurance Brokers Limited

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat minn Melita Insurance Brokers Limited fit-22 ta' Ottubru 2012.

Rat it-twegiba prezentata llum minn Mira Motor Sales Limited.

Mill-verbal tas-seduta tal-lum jirrizulta li hemm qbil li:-

i. Il-mandat ta' sekwestru numru 1553/2012 jigi revokat.
ii. Il-kumpannija Mira Motor Sales Limited tisbanka l-flus li gew depozitati permezz tac-cedoli numru 828/2012 prezentata fl-1 ta' Gunju 2012 u 1541/2012 prezentata fit-22 ta' Ottubru 2012. Permezz ta' dawn iz-zewg cedoli giet depozitata s-somma komplessiva ta' €106,100.311[1].
iii. Mill-flus li jigu sbankati, id-difensur ta' Mira Motor Sales Limited jibghat lid-difensur tar-rikorrenti l-imghax mill-1 ta' Gunju 2012 li gie depozitat permezz tac-cedola ta' depozitu numru:- 1542/2012.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-
1. Thassar il-mandat ta' sekwestru numru 1553/2012 fl-ismijiet **Mira Motor Sales Limited vs Melita Unipol Insurance Brokers Limited**, prezentata fil-15 ta' Ottubru 2012 u akkordat fis-16 ta' Ottubru 20122[2].
2. Tawtorizza lil Dr John Refalo sabiex ghan-nom ta' Mira Motor Sales Limited jisbanka l-flus li gew depozitati minn Melita Insurance Brokers Limited permezz tac-cedoli numru 828/2012 prezentata fl-1 ta' Gunju 2012 u 1542/2012 prezentata fit-22 ta' Ottubru 2012.

Spejjez ta' dan il-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in kwantu tqies li kull parti kkontribwiet b'mod jew iehor biex din il-kwistjoni ma tigix rizolta qabel.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

1[1] Cedola ta' depozitu 828/2012 - €52,410.90 u cedola ta' depozitu 1542/2012 - €53,690.31.
2[2] Ara kontromandat 1639/2012.